VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 180 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Komunikazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Komunikazzjonijiet).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2012.

Emendi tal-liġijiet imsemmija fl-Iskeda.

2. Il-liġijiet speċifikati fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom iseħħu suġġetti għall-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tal-istess Skeda.

SKEDA
Emendi tal-Liġijiet

L-Ewwel Kolonna	**It-Tieni Kolonna**
Liġi	*Emenda li għandha ssir*
Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi Kap. 81.	**1.** Fl-artikolu 2, minnufih wara t-tifsira "sid", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja: " "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.". Kap. 490. **2.** Is-subartikolu (11) tal-artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej: (a) minflok il-kliem "tappella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet mwaqqaf taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni:", għandhom jidħlu l-kliem "tappella quddiem it-Tribunal:"; u

(b) minflok il-kliem "Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni" sal-kliem "għal appelli ppreżentati taħt dan l-artikolu." fil-paragrafu minnufih wara ż-żewġ *provisos* tas-subartikolu, għandu jidħol dan li ġej:

"Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, li jkollhom x'jaqsmu mas-smigħ ta' appelli mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva minn deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli ppreżentati taħt dan l-artikolu.".

Att dwar is-Servizzi Postali Kap. 254.

Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord tal-Appelli" għandha titħassar; u

(b) minnufih wara t-tifsira "skema" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.". Kap. 490.

Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi Kap. 399.

L-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord tal-Appelli" għandha titħassar; u

(b) minnufih wara t-tifsira "telefonata" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.". Kap. 490.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Kap. 418.

1. L-artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord ta' l-Appelli" għandha titħassar; u

(b) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.".

Kap. 490.

2. L-artikolu 32 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-ewwel proviso tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "matul il-perjodu ta' tletin ġurnata imsemmija taħt l-artikolu 38" għandhom jidħlu l-kliem "matul il-perjodu ta' għoxrin ġurnata msemmija taħt l-artikolu 38";

(b) fil-*provisos* tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli" u "lill-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "it-Tribunal" u "lit-Tribunal" rispettivament; u

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", għandhom jidħlu l-kliem "it-Tribunal".

3. L-intestatura "Bord ta' l-Appelli dwar il-Kumunikazzjonijiet" fit-Taqsima VIII għandha tiġi sostitwita bl-intestatura "Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva".

4. L-artikolu 36 għandu jiġi sostitwit b'artikolu ġdid li ġej:

"Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva.

36. (1) It-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva huwa kompetenti li jisma' u jiddetermina appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità kif previst f'dan l-Att jew f'xi liġi jew regolamenti.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, sa fejn japplikaw għat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċedura quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" fl-imsemmija liġi għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Awtorità.

Kap. 490.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċedura pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli kostitwit taħt l-artikolu 36, kif dak l-artikolu kien fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, u dawn il-proċeduri kollha għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25, hawn fuq imsemmi, b'seħħ minn l-1 ta' Ġunju, 2012.". Kap. 490.

5. L-artikolu 37 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal"; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 38, appell minn deċiżjoni tal-Awtorità għandu jsir b'rikors u jiġi ppreżentat għand is-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni tkun ġiet notifikata.".

6. L-artikolu 37A għandu jiġi mħassar.

7. L-artikolu 38 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' dik in-notifika", għandhom jidħu l-kliem "fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' dik in-notifika"; u

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "ekwivalenti għal deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li tordna il-ħlas mill-appellant tal-penali amministrattiva kif konfermata jew mnaqqsa" għandhom jiġu mħassra.

8. L-artikolu 39 għandu jiġi emendat kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikolu (3) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2); u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal".

9. L-artikolu 40 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (1), (4) u (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra u subartikoli (2), (3), (5) u (7) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (1), (2), (3) u (4) rispettivament; u

(b) fis-subartikoli (1), (2) u (3) tiegħu, kif enumerati mill-ġdid, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal".

10. L-artikolu 41 għandu jiġi mħassar.

11. Fl-artikolu 42, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli" u "l-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal" u "t-Tribunal", rispettivament.

12. Fl-artikolu 48, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli" għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal".

Regolamenti dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali) S.L. 426.02

1. Is-subregolament (2) tar-regolament 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Bord ta' l-Appelli" għandha tiġi mħassra; u

(b) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.".

Kap. 490.

2. (a) fis-subregolament (2)(b) tar-regolament 15, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli" għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal";

(b) fis-subregolament (3) tar-regolament 15, minflok il-kliem "mill-Bord ta' l-Appelli" għandhom jidħu l-kliem "mit-Tribunal".

3. Fis-subregolament (3) tar-regolament 17, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli" u "lill-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal" u "lit-Tribunal", rispettivament.

4. Fir-regolament 19, , "il-Bord ta' l-Appelli" u "l-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "lit-Tribunal", "it-Tribunal" u "it-Tribunal", rispettivament.

5. Fir-regolament 20, minflok il-kliem "mill-Bord ta' l-Appelli" u "l-Bord ta' l-Appelli", kull fejn jinsabu, għandhom jidħu l-kliem "mit-Tribunal" u "t-Tribunal", rispettivament.

6. Fir-regolament 25, minflok il-kliem "il-Bord ta' l-Appelli", għandhom jidħu l-kliem "it-Tribunal".

Regolamenti dwar Regoli ta' Proċedura għar-rigward tal-Bord ta' l-Appelli dwar Komunikazzjonijiet Elettroniċi
L.S. 399.07

Ir-Regolamenti dwar Regoli ta' Proċedura għar-rigward tal-Bord ta' l-Appelli dwar Komunikazzjonijiet Elettroniċi huma b'dan revokati.

Direttivi mill-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikaz-zjoni
L.S. 399.23

Fid-Direttiva mill-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Avviż Legali 365 tal-2002), minflok il-kliem "l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Komunikazzjonijiet Elettroniċi", għandhom jidħu l-kliem "t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva". Kap. 490.

Regolamenti dwar Sistemi ta' *Cable* (Ġenerali)
L.S. 399.24

Fir-regolament 23, minflok il-kliem "lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Komunikazzjonijiet Elettroniċi", għandhom jidħu l-kliem "lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva". Kap. 490.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Regolamenti dwar il-Proċedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet L.S. 418.01

Ir-Regolamenti dwar il-Proċedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjonijiet huma b'dan revokati.